**2 ta' Marzu, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Joseph Cachia *noe*

*versus*

Paul Zammit *et noe*

**Azzjoni – Nullità – Irritwalità ta' Azzjoni – Interess Ġuridiku biex tiġi Proposta Azzjoni**

*Il-kontendenti flimkien ma' terzi persuni li mhux fil-kawża kienu jippartecipaw f'consortium għad-distribuzzjoni ta' ċertu frott u fil-kors ta' l-operazzjoni fetħu kont komuni mal-Mid-Med Bank Limited.*

*Ġie eċċepit illi l-atturi kienu qed jaġixxu in rappresentanza tal-kontijiet bankarji. Il-Qorti kkonkludiet illi l-atturi kienu qed jaġixxu fil-vesti tagħhom bħala kompartecipi fil-kontijiet biex jikkawtelaw l-allegati drittijiet tagħhom. Kull kompartecipi għandu dritt li jesiġi l-komproprjetarju inadempjenti jottempera ruħu ma' l-obbligi li jkun assuma.*

*Ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità ta' l-azzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi wara li ppremettew illi l-kontendenti, flimkien ma' terzi, kienu jikkompartecipaw f'consortium komuni tad-distributuri tal-frott u bħala tali kienu fetħu kont komuni fil-*Mid-Med Bank Limited* wieħed li jirrigwarda l-operazzjonijiet konċernanti l-bejgħ u xiri ta' laring magħruf bħala l-*"Oranges Account"* u l-ieħor konċernanti x-xiri u bejgħ ta' tuffieħ u lanqas magħruf bħala *"Apples & Pears Account"*; u premess li l-konvenuti naqsu li jħallsu u jivversaw f'dawn il-kontijiet komuni l-ammont segwenti rappreżentanti l-prezz tal-konsenja ta' laring u tuffieħ u lanġas lilhom u lill-parruċċani tagħhom akkont tagħhom, li huma kienu xtraw mill-consortium komuni tad-distributuri tal-frott, u ċjoè l-konvenuti Paul Zammit u Joseph Zammit *nomine,* is-somma ta' elf erba' mija u sittin lira Maltija u ħmistax-il ċenteżmu (Lm1460.15c0) fl-*Apples & Pears Account* u s-somma ta' ħamest elef, seba' mija u tmenin lira Maltija u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm5780.25c) fl-*Oranges Account*; il-konvenuti Dr. Antoine Cachia u Frank Cachia *noe,* is-somma ta' erba' mija u tnejn u sittin lira Maltija

u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm462.43c) fl-*apples and pears account* u s-somma ta' mitejn lira Maltija, tlieta u tletin ċenteżmu u sitt mitleżmi (Lm287.33c6) fl-*Oranges Account;* il-konvenuti Peter Paul Mallia u Alexander Mallia *noe,* is-somma ta' elfejn ħames mija u erbatax-il lira Maltija u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm2514.46c0) fl-*appels & pears account* u s-somma ta' ħames mija u tnejn u ħamsin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm552.20c) fl-*oranges account;* il-konvenuti Alfred Calleja u James Calleja *noe,* is-somma ta' mija u ħamsa u disgħin lira Maltija u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm195.32c) fl-*apples and pears account* u ta' erbat elef, erba' mija u tlieta u ħamsin lira Maltija, sebgħa u ħamsin ċenteżmu u tliet milleżmi (Lm4453.57c3) fl-*oranges account;* il-konvenuti David Said u Keith Said *nomine* s-somma ta' disgħa u tmenin lira Maltija u tlieta u tmenin ċenteżmu (Lm89.83c) fl-*apples and pears account* u ta' ħamest elef u disgħa u sebgħin lira Maltija, sebgħa u ħamsin ċenteżmu u milleżmu (Lm5079.57c1) fl-*oranges account* u l-konvenuti John Curmi u Joseph Curmi *pro et noe* s-somma ta' elfejn mija u tlieta u tmenin lira Maltija u disgħin ċenteżmu fl-*apples and pears account* u ta' erbat elef u erbatax-il lira Maltija u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm4014.61c0) fl-*oranges account;* u premess illi l-konvenuti interpellati biex iħallsu u jivversaw dawn l-ammonti rispettivi fil-kontijiet komuni fuq imsemmija, baqgħu inadempjenti, invece l-atturi *nomine* u soċjetajiet oħra komparteċipi ħallsu u vversaw l-ammonti minnhom dovuti; l-istess atturi *nomine* talbu li l-konvenuti *nomine,* u *pro et noe,* skond il-każ għar-ragunijiet premessi, jiġu minn din il-Qorti kkundannati li jħallsu u jivversaw fil-kontijiet komuni ta' l-*apples and pears* u l-*oranges account* fuq imsemmija fil-*Mid-Med Bank Limited, Valletta,* l-ammonti rispettivi segwenti fuq imsemmija, flimkien ma' l-imgħaxijiet kummerċjali mid-data tal-konsenja tal-frott lilhom jew lill-parruċċani tagħhom u ċjoè: (1) Il-

konvenuti Paul Zammit u Joseph Zammit *noe* jiġu kkundannati li jħallsu u jivversaw is-somma ta' Lm1460.15c fl-*apples and pears account* u Lm5780.35c0 fl-*oranges account*; (2) Il-konvenuti Dr. Antonie Cachia u Franck Cachia Lm462.43c fl-*apples and pears account* u s-somma ta' Lm287.33c6m fl-*oranges account*; (3) il-konvenut Peter Paul Mallia u Alexander Mallia *nomine,* is-somma ta' Lm2514.,46c fl-*apples and pears account* u s-somma ta' Lm552.20c fl-*oranges account*; (4) il-konvenuti Alfred Calleja u James Calleja *nomine,* is-somma ta' Lm195.32c0, fl-*apples and pears account* u s-somma ta' Lm4453.57c3m fl-*oranges account*; (5) il-konvenuti David Said u Keith Said nomine s-somma ta' Lm89.83c fl-apples and pears *account* u s-somma ta' Lm5079.57c1 fl-*oranges account;* u (6) il-konvenuti John Curmi u Joseph Curmi *pro et nomine,* is-somma ta' Lm2183.90c0 fl-*apples and pears account* u s-somma ta' Lm4014.61c0 fl-*oranges account*, dawn l-ammonti kollha flimkien ma' l-imgħaxijiet kummerċjali mid-data tal-konsenja rispettiva tal-frott. Bl-ispejjeż – kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali tad-9 ta' Lulju, 1987 u dawk tal-mandati ta' sekwestri tal-lum stess kontra l-konvenuti *nomine* u *proprio et nomine* skond il-każ;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi li ġiet maħlufa minn Joseph Cachia;

Rat il-lista tax-xhieda tagħhom, kif ukoll id-dok. A u B li esibew ma' l-att taċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Paul Zammit u Joseph Zammit *nomine* li biha eċċipew illi huma kredituri tal-consortium li hemm bejn il-partijiet kollha u dan jirriżulta mill-kawża numru 1284/84/JH fl-ismijiet "Joseph Cachia *et noe vs* Paul Zammit *et noe et",* u għalhekk l-esponenti jridu illi ssir

tpaċija bejn dak l-ammont li jista' jkun dovut minnhom ma' l-ammont l-ieħor li hemm dovut lilhom mill-consortium, liema tpaċija għandha tħalli bilanċ favur l-istess esponenti. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Peter Paul Mallia *et nomine* li biha eċċipew preliminarjament, illi l-atturi *nomine* m'għandhomx rappreżentanza tal-kontijiet magħrufa bħala *"Oranges Account"* u *"Apples & Pears Account"* stante li dawn huma kontijiet komuni mal-konvenuti kollha u għalhekk m'għandhom ebda dritt li jippromuovu din il-kawża. (2) Illi fil-mertu, is-soċjetà konvenuta għandha tieħu somma ferm akbar minn dawn il-kontijiet u kontijiet oħra komuni ma' l-atturi *nomine*, liema somma qiegħda tiġi likwidata fil-kawża fl-ismijiet Joseph Cachia *nomine et vs* Pawlu Zammit *noe et noe* (Ċitazz. Nru. 1284/83 JH) u għalhekk qiegħed jirrifjuta li jħallas u jivversa fil-kontijiet komuni s-somma mitluba mill-attur *nomine*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Alfred Calleja *et nomine* li biha eċċipew illi preliminarjament in-nullità taċ-ċitazzjoni billi l-attur m'għandux ir-rappresentanza ġuridika ta' l-*"Oranges Account"* u ta' l-*"Apples & Pears Account"* u għalhekk m'għandux il-jedd li jipproponi l-azzjoni. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni hija nulla wkoll il-għaliex din hija bbażata fuq kawżali differenti, kontra konvenuti differenti u ċjoè l-konvenuti għar-rigward ta' l-*Apples & Pears Account* huma differenti mill-konvenuti fl-*Oranges Account* u l-interess bħala sehem ta' parteċipazzjoni huwa differenti, u anki l-għaliex l-eċċipjenti m'huma mitluba xejn fir-rigward ta' l-1, 2, 3, 5 u 6 talbiet. Fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi mhux talli l-eċċipjenti m'għandhomx jagħtu xejn lill-

*Oranges Account* u lill-*Apples & Pears Account*, talli huma stess għandhom jieħdu mill-istess *account* kemm sehemhom mill-profitt kif ukoll kumpens għal serviġi reżi lill-istess *accounts*. Fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju għall-premess u in linea sussidjarja, anke jekk għall-grazzja ta' l-argument jiġi ammess li l-eċċipjenti għandhom jagħtu xi ħaġa lill-imsemmija *accounts*, ma hemmx lok għal solidarjetà bejn il-konvenuti kollha għarrigward tat-talbiet kollha, u l-kap ta' l-ispejjeż għandu jiġi maħdum a bażi ta' kawża separata għal kull talba kif fil-fatt, salv l-ewwe' eċċezzjoni, kellha ssir l-azzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut John Curmi *et nomine* li biha eċċipew illi l-esponenti huma kredituri tal-consortium li hemm bejn il-partijiet u dan skond kif jirriżulta mill-kawża numru 1284/84/JH fl-ismijiet 'Joseph Cachia *et noe vs* Paul Zammit *et noe et'*, għal-liema atti qed issir ampja riferenza u għalhekk l-esponenti *pro et noe* huma ntitolati li jikkompensaw l-ammont minnhom talvolta dovut ma' dak lilhom dovut biex b'hekk jibqa' biss bilanċ, wara li ssir t-tpaċija tar-rispettivi ammonti, liema bilanċ għandu jkun a favur l-esponenti. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Dottor Antoine Cachia *et nomine* li biha eċċipew illi l-azzjoni hija rrita u nulla għaliex l-atturi m'għandhomx ir-rappresentanza ta' l-*Oranges Account* u ta' l-*Apples & Pears Account;* illi l-eċċipjenti għandhom jieħdu mhux jagħtu lill-imsemmija *accounts,* kif jiġi ppruvat u għalhekk it-talbiet għandhom jiġu miċħuda;

Omissis;

Illi fl-udjenza tad-9 ta' Jannar, 1989, din il-Qorti semgħet

it-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Mallia, Calleja u Cachia u l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-istess eċċezzjonijiet;

Irriżulta li l-kontendenti flimkien ma' terzi persuni li m'humiex fil-kawża kienu jappartecipaw f'consortium għad-distribuzzjoni ta' ċertu frott u fil-kors ta' l-operazzjoni kienu fetħu żewġ kontijiet komuni fil-*Mid-Med Bank Limited,* il-Belt wieħed rigwardanti l-operazzjonijiet konnessi mal-bejgħ u distribuzzjoni ta' tuffieħ u lanqas li ġie msejjaħ l-*"apples and pears account"* u l-ieħor għar-rigward tal-bejgħ u distribuzzjoni tal-larinġ li ġie msejjaħ l-*"oranges account"*;

L-atturi jallegaw li huma ħallsu dak kollu li kellhom iħallsu fl-istess kontijiet, iżda l-konvenuti naqsu li jagħmlu bħalhom bir-riżultat li l-konvenuti rċevew frott u naqsu li jakkreditaw l-imsemmija kontijiet bil-prezz relattiv tal-frott skond ma jidher dettaljatament fil-konfront ta' kull konvenut mid-Dok. A u B esibiti mill-atturi;

L-atturi qegħdin jaġixxu f'din il-kawża in rappresentanza tas-soċjetà "Antonio Cachia & Co. Limited". Din hi soċjetà li *tippartecipa fil-Consortium* imsemmi. L-atturi qegħdin jitolbu li l-konvenuti jiġu kkundannati li jħallsu l-ammonti dovuti minnhom rispettivament fl-imsemmija żewġ kontijiet bankarji;

Id-difensur ta' l-atturi spjega illi l-atturi għandhom interess ġuridiku u immedjat li jaraw li l-kompartecipanti l-oħra jivversaw fil-kontijiet komuni kull ammont minnhom dovut fl-ewwel lok biex ma jintilfux l-imgħaxijiet dekorribbli fuq il-bilanċ fil-kontijiet u *fit-tieni lok pre-ordinatament għal kull diviżjoni eventwali tal-*bilanċ bejn il-kompartecipi kollha;

Illi l-konvenuti Mallia, Calleja u Cachia *nomine* qegħdin jissollevaw bl-ewwel eċċezzjoni tagħhom li l-atturi m'għandhomx dritt li jipproponu l-kawża odjerna stante li huma m'għandhomx ir-rappresentanza ġudizzjarja tal-kontijiet magħrufa bħala *"Oranges Account"* u *"Apples & Pears Account"*. Il-konvenuti Calleja u Cachia jsostnu li konsegwentement iċ-ċitazzjoni hija nulla;

Illi l-atturi rribattew illi huma m'humiex qegħdin jaġixxu f'din il-kawża in rappresentanza tal-kontijiet bankarji in kwistjoni iżda qegħdin jaġixxu f'isimhom bħala komparteċipi fl-istess kontijiet komuni u kif ingħad aktar qabel għandhom interess ġuridiku u immedjat li jaraw li l-komparteċipanti l-oħra kollha jikkreditaw fil-kontijiet dak kollu li hu dovut minnhom;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma kkonsiderata tal-Qorti, l-istess konvenuti ma wrew ebda raġuni ġusta li a bażi tagħha l-ewwel eċċezzjoni tagħhom imsemmija għandha tintlaqa'. Infatti jirriżulta li l-atturi m'humiex qegħdin jaġixxu in rappresentanza tal-kontijiet bankarji in kwistjoni u fil-fatt qatt ma setgħu jaġixxu f'kapaċità bħal din peress li l-kontijiet m'għandhomx personalità ġuridika distinta u separata mill-personalità tal-membri komparteċipanti;

Illi l-atturi qegħdin jaġixxu f'din il-kawża fil-vesti tagħhom bħala komparteċipanti fil-kontijiet biex jikkawtelaw l-allegati d-drittijiet tagħhom *vis-a-vis* il-komparteċipanti l-oħra li allegatament naqsu li jivversaw fil-kontijiet dak li kien dovut minnhom. Huwa evidenti li l-atturi għandhom kull interess li jaraw li jsir dan għaliex ħadd mill-komproprjetarji m'għandu dritt li jinqeda bil-kontijiet komuni kontra l-interess tal-

komunjoni. Ċertament, jekk l-allegazzjoni ta' l-atturi li l-konvenuti rispettivi għandhom obbligu li jivversaw flejjes fil-kontijiet komuni, tirriżulta fondata, allura jsegwi li l-inadempjenza tal-konvenuti ma' dana l-obbligu jkunu preġudizzjevoli għall-interess tal-komunjoni tal-kontijiet u kull kompartecipanti għandu dritt li jesiġi li l-komproprjetarju inadempjenti jottempera ruħu ma' l-obbligi li jkun assuma;

Illi konsegwentement iċ-ċitazzjoni kif proposta mill-atturi m'hijiex irrita u nulla għaliex l-istess atturi ppropoenew l-azzjoni odjerna korrettement fil-kwalità tagħhom ta' diretturi in rappresentanza tas-soċjetà "Antonio Cachia *& Co. Limited*" li hi waħda mill-kompartecipi fl-imsemmija kontijiet komuni;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Peter Paul Mallia u Alexander Mallia *nomine,* tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Alfred Calleja u James Calleja *nomine* u tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Dr. Antoine Cachia u Frank Cachia *nomine;*

L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jibqgħu a kariku ta' l-istess konvenuti *nomine* ndaqs bejniethom;

*Il-kawża tibqa' ddifferita* għat-18 ta' Mejju, 1989 għall-kontinwazzjoni.